

# *60 Sena Tifkiriet tal-Banda Sant'Elena*



Din is-sena, il-banda tagħna qed tiċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Jiena kont protoġanist ta' kważi sittin sena minn dawn meta missieri, li kien idoqq il-kurunetta anke sa minn dak iż-żmien, beda jeħodni l-każin. Għalhekk jien se nagħti ftit rendikont ta' x'niftakar jien f'dawn is-sittin sena esperjenża mal-banda tagħna, fejn jien kont mużiċist u seġretarju.

Ta' 5 snin bdejt immur ma' missieri l-każin u għandi memorja żgħira tas-surmast Joseph Busuttil, li miet nhar it-30 ta' Diċembru 1960. Jien bdejt nitgħallem il-mużika fil-każin tal-banda San Ġiljan - fejn hemmhekk kien hemm surmast - iz-ziju ta' missieri - Mro Angelo Pullicino - jiena u ħija. Ħriġt indoqq ta' 9 snin - u l-ewwel servizz tiegħi mal-banda tagħna kien lejliet Santa Katarina fiż-Żurrieq. Surmast tal-banda tagħna kien Joseph Sammut, li laħaq flok is-surmast Busuttil. Konna nagħmlu recordinġ tal-marċi fl-iskola primarja tal-gvern, fi Triq Brared, mar-redifusion. Fl-1969, il-banda għalqet il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha, u lilna l-mużiċisti tawna midalja ta' tifkira lil kull wieħed. President kellna lill-avukat Joseph Fenech Adami, li dam president mill-1934 sa ma miet nhar il-5 ta' Jannar 1988, bis-Segretarju Joseph Calleja u l-kaxxier Rokku Micallef. Wara Sammut laħaq is-surmast Clemente Sciberras. Fl-1986 dħalt fil-kumitat, meta s-segretarju kien hemm Joseph Mallia. Fil-5 ta' Jannar 1988 miet l-avukat Joseph Fenech Adami, bil-funeral tiegħu isir jumejn wara Joseph Mallia laħaq President. Taħt is-surmast Clemente Sciberras, il-banda tagħna rebħet żewġ unuri kbar, Fl-1979 ġejna l-ewwel fil-konkors tal-Innu tal-Ħelsien u f'Diċembru 1985 ġejna l-ewwel f'konkors tal-baned fit-teatru Manoel. Fi żmien is-surmast Clemente Sciberras bdejt norganizza l-kunċerti Mużikali Annwali: l-ewwel bdejna fis-sala tal-oratorju, imbagħad fis-sala tal-iskola Santa Monika fi Fleur-de-Lys, kif ukoll fis-sala 'Sir Temi Zammit' tal-Università ta' Malta.

Domt 24 sena bħala Segretarju Ġenerali u 4 snin bħala Segretarju Onorarju. Bħala Segretarju organizzajt 5 safriet mal-banda. Fl-1988, morna Sqallija-Monreale għall-festa tas-Salib u kunċert kbir fil-pjazza ewlenija f'Palermo quddiem it-teatru Politeama. Kien surmast Clemente Sciberras, li spiċċa fl-1992. Laħaq floku s-surmast John Ivan Borg, li taħtu sifirt lill-banda darbtejn: f'Marzu 1994 fit-Tuneżija, u f'Lulju 1995 f'konkors kbir għall-baned f'Valencia fi Spanja, meta ġejna fit-tielet post. Irbaħna flus u ħafna unuri. Is-surmast Borg għamel magħna 3 snin u floku laħaq is-surmast attwali Joseph Vella. Taħt is-surmast Vella, il-banda siefret tlett darbiet: darbtejn organizzati minni, f'Ġunju 1996 f'Ċefalu fi Sqallija għall-festa tal-qalb ta' Ġesu u f' Settembru 1999 fi Spezzano Sila provinċja ta' Cosenza fl-Italja għall-festa ta' San Franġisk de Paola. L-aħħar żjara tal-banda kienet f'Ċefalu li ma kienitx organizzata minni. Jien daqqejt taħt erba' surmastrijiet differenti, u għamilt 48 sena ndoqq. Presidenti f'dan iż-żmien li servejt taħthom kienu Joseph Fenech Adami, Joseph Mallia, Raphael Fenech Adami, Helen Borg, Ġużi Gauċi u Anthony Saliba. Il-kaxxiera li ħadmu miegħi kienu Ġużi Gauċi, Ġiljan Borg, Anthony Carbonaro, Joseph Borg (taċ-ċomb) u Henry Bray.

25 Sena ilu kellna –traġedja meta miet Joseph Buħaġiar (Iż-Żużu). Dwar din it-traġedja ssibu artiklu f'paġni oħra ta' dan il-ktieb. Suċċess kbir għalija kien meta ġibt kwart ta' miljun Ewro mill-Gvern wara meta tmenin sena qabel membri tal-kumitat xtraw art minn fejn jaħarqu n-nar u meta l-Gvern bena l-fabbriki kien ħadielna u bħala kumpens tagħha ksibna somma importanti wara ħafna ħidma li għamilt li damet ħaddejja 14 il-sena sħaħ.

Nagħlaq hawn billi nifraħ lill-kumitat, lill-bandisti, lill-membri, lill-partitarji u lill-bagristi kollha **Ad Multos Annos.**
**Viva L-Banda Santa Liena**

*Frans Pullicino*